# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar 7 ta' Ottubru, 2024

Avviz tat-Talba numru: 200/2023 CL

**Emanuel Agius (63358G)**

**VERSUS**

**Ta' Gauci Poultry Ltd (C17609)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-29 ta' Mejju 2023 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta konvenuta tigi ikkundanata thallas is-somma ta' sitt mija u seba' u sittin euro (€676), liema somma huwa ammont bilancjali minn somma akbar dovut lill-attur ghat-tigieg tas-simna mibjugha lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha. Minkejja diversi interpellazjonjiet ghal hlas, inkluz permezz ta' ittra legali u ittra ufficjali, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tigi intavolata din il-procedura. Is-socjeta konvenuta ghandha tkun ordnata thallas ukoll l-ispejjez kollha, flimkien mal-imghaxijiet skond il-ligi.

Ra r-risposta li giet ipprezentata fir-3 ta' Ottubru 2023, fejn is-socjeta konvenuta sostniet illi t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-ammont mitlub jirreferi ghal tigieg mejtin u ghalhekk m'hemm ebda hlas dovut. Illi minghajr pregudizzju l-attur irid jipprova l-ammont minnu pretiz permezz ta' din it-talba, zied illi s-somma pretiza mill-attur hi eccessiva u mhux dovuta. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Fl-1 ta' Novembru 2023 gew ipprezzenti dikjarazzjoni guramentata ta' Emanuel Agius u Christian Agius, *lab test report*, applikazzjoni mill-prodottur biex it-tjur jintbaghtu l-biccerija, ritratti tal-annimali preparati ghal-biccerija u invoices maghmulin minn Emanuel Agius. Emanuel Agius

jghid illi hu kien operatur ta' farm tat-tigieg li fiha kien jrabbi tigieg tas-simna. Mario Gauci minn Gauci Poultry kien talbu jrabbilu tlett ibtan u hu kien qallu li kienet ser tkun l-ahhar bicca xoghol ghax tieghu, ghax kien bi hsiebu jzarma. Hu kien gja hadlu zewgt ibtan u fl-ahhar boton kien hemm hames vjaggi. Hu kien tela' minn Ghawdex ma ibnu Cristian u x-xufier Daniel Micallef bl-ahjar vjagg u kif waslu l-biccererija kien hareg Mario Gauci jghidlu li kellhom hafna hsara fir-raba' vjagg li kienu ghamlu l-gurnata ta' qabel ghax kienu inqalbu c-cestuni. Kif saqsieh kif inqalbu wiegbu li ma kienx jaf ghax ma kienx hemm. B'hekk hu saqsieh biex jaraw il-cameras tas-sigurta' u r-rejazzjoni tieghu kienet ta' rabja u ghajjat fejn qallu tghid mhux ser noqghod nilghab bil-cameras dalghodu. Huma hattew il-flieles li kienu hadu dakinhar u marru lura Ghawdex. Wara sitt gimghat kien cempillu biex jara meta kien ser jithallas u ftehmu li kellu jmur ghac-cekk. Meta inghata c-cekk induna li kien hemm €674 inqas u qalulu li dan kien minhabba l-hsara. Meta saqsa kif ma kienux infurmawh bil-hsara bhas-soltu, qalulu li kienu remewhom. Hu kien cempel lil Mario li baqa' jghidlu li ma kienx ser jhalsu ghax kien hemm il-hsara. Hu konvint illi huma ghamlu allegazzjoni tal-hsara ghax Gauci kien jaf illi kien ser jzarma u ma kienx ser jkun hemm aktar negozju mieghu u ried jipprofetta ruhu. Il-hsara ma setghetx grat minhabba li c-cestuni kienu mqeghdin kif suppost u ma setghux nqelbu ghax it-tifel tieghu, Christian Agius, kien ha ritratti dakinhar stess Dok E ghax hu dejjem jiehu ritratti ghal li jista' jinqala. Fil-fatt fiz-zona fejn jitqieghdu c-cestuni kien hemm it-tifel ta' Mario Gauci u hu stess kien qalilhom fejn jqieghda c-cestuni. Dok F juri l-uzin tat-tigieg iffirmat miinnu u mit-tifel ta' Mario Gauci, kopja tar-rapport tas-samonella Dok C u rapport rilaxxat mill-veterinarju tal-Gvern dakinhar stess li l-flieles inqatlu Dok D. Fil-kontro ezami hu ikkonferma illi hu u t-tifel Christian Agius kienu hattew ic-cestuni ghal fuq il-mizien. Meta kien tiela' bl-ahhar vjagg wiehed fit-trakk kien qallu li ser jkollu problema ghax Gauci kien lest ghalih u kif wasal il-biccerija Mario hareg jghajjat li c-cestuni kienu inqalbu u meta saqsieh biex jara ll-cameras biex jara jekk kienx min-naha tieghu, imma l-konvenut beda jghajjat u jidghi. Hu mill-ewwel ilmenta fuq ir-raba' vjagg quddiem Daniel u t-tifel. Hu kien rabba lit tigieg ghal Gauci xi tlett darbiet u dejjem kien jghid li kellu l-hsara ghalkemm meta hatt it-tigieg ma rax li kien hemm tigieg mejtin.  Ma jistax jkun li waqghu c-cestuni ghax hargu ftit il-barra. B'referenza ghal Dok D cahad li kien applikazzjoni imma kien certifikat tat-tabib mahrug dak il-hin fil-hames vjaggi li kien ha.

Christian Agius iddikjara illi hu kien jmur jghin il-missieru Emanuel Agius li kien operatur tat-tigieg li fiha kien jrabbi t-tigieg tas-simna. Mario Gauci ta' Gauci Poultry Ltd kien avvicina lill-missieru u talbu sabiex jrabbilu tlett ibtan u ghalkemm missieru kien bil-hsiebu li jzarma, kien accetta li jrabbihomlu bhala l-ahhar bicca xoghol. Huma kienu gja hadu zewgt ibtan

u kienu qed jikkonsenjaw l-ahhar boton li kien fih hames vjaggi. Hu kien mar ma' missieru u x-xufier tat-trakk Daniel Micallef bl-ahhar vjagg il-biccerija. Hareg Mario Gauci jghid lill missieru li fil-vjagg tal-gurnata ta' qabel kien hemm hafna hsara ghax ic-cestuni nqalbu kollha. Missieru talbu biex jaraw il-cameras biex jaraw x'gara ezatt izda Mario Gauci irrabja u qal illi ma kellux hin x'jahli. Huma telqu wara li hattew il-flieles. Meta missieru mar jigbor ic-cekk ra illi kien hemm ammont ta' €674 neqsin u meta saqsa ghalfejn kien hemm dan il-nuqqas hu qallu li dan kien minhabba li nqalbu c-cestuni. Meta jkun hemm hsara tingibed l-attenzjoni mill-ewwel u jekk veru gara hekk setghu juruwhom il-cameras. Hu kien dejjem jiehu ritratti tac-cestuni peress illi jithalsu wara u r-ritratti ezebiti huma tar-raba' vjagg fejn ic-cestuni jidhru li gew mqieghda kif suppost. Dak in-nhar kien hemm it-tifel ta' Mario Gauci jizen u hu stess kien qalilhom fejn ghandhom jpogguhom.

Fil-21 ta' Frar 2024 is-socjeta konvenuta ipprezentat affidavit ta' Mario Gauci direttur tas-socjeta konvenuta, affidavit ta' Daniel Micallef u Noel Tabone. Mario Gauci spjega illi Ta' Gauci Poultry Limited joqtlu u jqasmu l-laham tat-tigieg. Huma licenzjati li jaghmlu l-qtiel tat-tigieg fil-fabbrika taghhom f'Burmarrad, li jigu ghandhom hajjin minghand diversi bdiewa. Fil-bidu tal-2022 kienu ordnaw tlett ibtan ta' tigieg tas-simna minghand Emanuel Agius, li huwa bidwi minnn Ghawdex li gieli kienu ordnaw minghandu. L-ahhar boton li kien issuplixxa Agius kien qasmu f'hames vjaggi differenti, jigifieri inqatel f'hames darbiet. Fir-raba' u l-hames vjagg li saru fis-7 u 8 ta' Lulju 2022 kien hemm hafna hsara ghax kien hemm hafna tigieg li kienu diga' mejtin u ghalhekk ma kienux tajbin ghax il-laham ta' tigieg mejjet huwa ferm perikoluz ghas-sahha u tossiku. l-ibtan gew fornuti lilhom fl-iktar xhur shan fis-sajf u ma kienux twaslu fit-temperatura ikkontrollata. It-tigieg kienu ilhom fit-trakk fis-shana ghal tul tal-hin sakemm waslu fil-biccerija. Huma jaghmlu minn kollox biex jikkontrollaw it-temperatura tat-tigieg ghax fil-fatt ghandhom fan kbir fejn jigu mqieghda c-cestuni u tlett fannijiet gewwa, fejn jibda l-process tal-qatla. Meta jasal bil-vjagg fil-biccerija Agius jrid jhott it-tigieg fic-cestuni u iqedhom f'post fejn jindikawlu. Huma jiznu t-tigieg u jibda l-process ghall-qatla. Meta wasal ir-raba' vjagg Emanuel Agius u t-tifel tieghu Chris Agius ma kienux poggew ic-cestuni sew hdejn xulxin b'tali mod illi r-ringila tissaportja lill-ohra b'konsegwenza li dawn ic-cestuni nqelbu u mad-daqqa mietu hafna aktar tigieg u ghalhekk il-hsara dakinhar kienet kbira ta' 240 kilo laham mejjet. B'hekk kien hemm dawk li mietu bis-shana u ammont ikbar li mietu bid-daqqa peress illi waqghu gholi ta' madwar filata u nofs. Huwa cert illi r-ritratt immarkat Dok **E**, mhux tar-raba' vjagg ghax ma kienux mqeghdin kif jidhru fir-ritratt ghax kieku ma kienux jinqelbu. Kienet ir-responsabilita' tal-fornatur u cioe' l-attur, li jwassal it-tigieg fil-kwalita' skond kif ordnati u

hajjin u li jistiva l-istess tigieg b'mod sigur meta jhotthom fil-fabbrika. Wara li jinhattu t-tigieg mill-bidwi, it-tigieg li jsibu mejtin ma jigux accettati ghax m'ghandhomx uzu ghaliihom. Hu cahad illi Agius kien talbu biex jara l-cameras tal-post ghax kieku kien juruwhomlu minghajr problema u peress illi ghada z-zmien il-filmat illum thassar. Cahad illi ma kienx qal lill-Agius mill-ewwel bil-hsara ghax fil-fatt seta' jigbor il-hsara sas-7 ta' filghodu tal-gurnata wara. Fil-fatt l-ghada meta wasal bil-hames vjagg regghu qalulu bil-hsara. Agius kien jaf sewwa s-sistema taghhom li seta' jigbor l-hsara l-ghada sas-7.00am. Jekk il-bidwi ma jmurx jigbor l-hsara huma jarmuh ghax laham hazin ma jistax jitpogga fil-friza mal-laham it-tajjeb minhabba kontaminazzjoni u ma tistax thallieh barra minhabba l-intiena. Din ma kinitx l-ewwel darba li l-ordni ta' Agius kellha l-hsara fil-fatt matul ix-xahar ta' Mejju 2022 kienu ordnawlu tigieg haj u hu kellu 22kg, 18kg u 13 kg hsara kif jidher fl-ircevuti M1 sa M3 li kienu gew iffirmati minn Agius u b'hekk ma kienx thallas ta' 53 kg hsara u ma kienx ilmenta dwarhom u lanqas ma kien gabar l-hsara. L-istess kien gara f'Mejju 2022, fejn regghu ordnawlu u kellu 18kgs hsara Dok M4. Huma ma halsux lill-Agius is-somma ta' €673.50 li tirraprezenta 449 kilo bil-€1.50 ghal hsara fil-hames vjaggi li hadilhom, li fil-fatt jirrizultaw mill-invoices li ipprezenta Agius fejn huma jnizlu x'jkunu ircevew u jnaqsu l-hsara. L-istess invoices fejn hemm mnizla l-hsara gew iffirmati  u accettati minn Agius u huma kienu halsu lil Agius is-somma ta' €39,162 Dok M5. Hu ma setax jhallas ghat-tigieg mejta. Ir-rapport veterinarju Dok C huwa irrilevanti ghax ir-rapport jsir numru ta' gimghat qabel il-qatla. Fil-kontro ezami ikkonferma li kien ilu jahdem mal-attur gham numru ta' snin u l-attur kien qallu li kien ser jzarma izda kien talbu jahdimlu konsenja. Ikkonfema illi l-attur gieli kien issuplixxa t-tigieg fis-sajf u li t-trakk ghandu l-fannijiet fih. Ikkonferma ukoll illi huma ma jhalsux ghal hsarat u fil-fatt fi Frar 2022 u Mejju 2022 kellu hsara ta' 53 kg u 18 kg u li ma kienx thallas tieghu. Hija responsabilita' tal-bidwi fejn jpoggi ic-cestuni. Hu kien qal lill-attur li kien hemm il-hsara l-ghada fil-ghodu. Ma kellux footage biex juri x'kien gara u lanqas ma hadu xi ritratti. Hu ma xtaqx illi l-attur jieqaf jrabbi ghax it-tnejn li huma kienu jaqalghu lira. Il-prodott tal-attur dejjem kien tajjeb ghalkemm dejjem kien jkun hemm xi hsara, ghax kull bidwi jkollu hsara. Hu kien ilu jaghmel dan ix-xoghol xi 48 sena u qatt ma kellu kawza. Wara li halsuh tal-ahhar vjagg kien ilmenta li kienu qatghulu tal-hsara.

Daniel Micallef xehed illi hu jahdem bhala xufier tat-trakk fuq bazi ta' self employed. Hu kien gie inkarigat minn Emanuel Agius biex jittrasporta it-tigieg mir-razzett tieghu f'Ghawdex ghal-biccerija f'Burmarrad. Meta waslu l-fabbrika kien hemm Kurt Gauci, it-tifel ta' Noel Gauci, wiehed mid-diretturi u Emanuel Agius u t-tifel tieghu Christ Agius. Christ Agius beda jhott il-cestuni bit-tigieg minn fuq it-trakk ghal gol-fabbrika. Xogholu huwa

biss li jitrasporta t-tigieg u m'ghandux x'jaqsam mal-istivar tat-tigieg. Hu innota li meta waslu bir-raba' vjagg ma bdewx jistivaw it-tigieg b'mod illi wahda tissaportja lill-ohra u hallew c-cestuni ftit aktar il-barra minn fuq il-paviment li hemm fil-fabbrika u li fuqu jigu mqieghda c-cestuni. Fil-fatt hu kien qalilhom biex jirrangaw ic-cestuni ghax kienu jidhru li facilment jaqghu peress li fic-cestuni kien hemm tigieg haj li jiccaqalqu, izda huma kienu wegbuh li kienu tajbin kif kienu. Kif it-tigieg inhatt minn fuq it-trakk hu telaq mill-fabbrika. L-ghada 8 ta' Lulju 2024 kien wassal il-hames vjagg u Mario Gauci kien qal illi c-cestuni tal-vjagg ta' qabel kienu waqghu u mad-daqqa kienu mietu hafna tigieg. Hu ma kienx sorpriz ghax hu kien qal lil Agius li c-cestuni ma kienu stivati tajbin.Fil-kontro ezami jghid illi xogholu hu li jnewwel it-tigieg minn fuq l-istess trukk, bit-tray lift ghal fuq il-mizien, ma jnizzilhomx hu u c-cestuni jitpoggew fuq il-platform. Dak in-nhar osserva li kienu hargu l-barra izzejjed.Ic-cestuni jkunu lesti fuq xulxin u jintiznu fuq xulxin

Xehed Noel Tabone li huwa bidwi u ghandu razzett f'Ghawdex u jrabbi u jissuplixxi lill-biccerija t-tigieg tas-simna. Ta' Gauci gieli ordnaw tigieg minghandu u ilu jahdem maghhom madwar ghaxar snin. Meta l-flieles jilhqu l-eta' tal-qatla hu jrid jiehu hsieb li jittrasporthom dawn it-tigeig minn Ghawdex ghal biccerija ta' Gauci f'Burmarrad.  Meta jasal Malta bit-tigieg hu jrid jhott it-tigieg fic-cestuni u jqieghed u jistiva t-tigieg f'post fejn jindikawlu ta' Gauci u huma jiznu t-tigieg u jibdew bil-process ghal-qatla. Jekk jkun hemm tigieg mejtin Ta' Gauci jcemplulu biex javawh u hu jkun jista' jmur jigbor sas-seba' ta' filghodu tal-ghada tal-qatla u jekk ma jigborhomx Ta' Gauci jarmuhom huma. Hu ma jithallasx tal-hsara ghax m'hemm ebda uzu ghat-tgieig mejtin. Fil-kontro ezami ikkonferma illi hu ma kienx prezenti dakinhar u ghalhekk ma jafx x'gara.

Fit-3 ta' Lulju 2024 saret it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza hija dwar konsenja tat-tigieg mill-bidwi operatur ghal ghand is-socjeta konvenuta. Il-partijiet kienu ilhom jaghmlu negozju ghal numru ta' snin u din kienet ser tkun l-ahhar konsenja tal-bidwi ghax kien ser jzarma. Fil-fatt l-ahhar konsenja kienet tikkonsisti f'hames vjaggi. Skond l-attur meta mar bil-hames vjagg gie infurmat illi fir-raba' vjagg kien hemm hafna hsara ghax kienu waqghu ic-cestuni u kienu mietu hafna tigieg. Mhux kontestat illi c-cestuni jitqieghda fuq illl-mizien u l-platform mill-bdiewa u  l-ircevuta tigi iffirmata mill-bidwi u rapprezentant tas-socjeta konvenuta skond il-piz. Is-socjeta konvenuta sostniet li fir-raba' vjagg kien hemm 240 kgs tigieg mejta, li ma setghux jintuzaw ghal-ikel u kellhom

jintremew; ftit minnhom mietu bis-shana u l-maggoranza mietu ghax waqghu c-cestuni, ghalkemm hu ma kienx prezenti. Fil-hames vjagg kien hemm 95kgs li mietu bis-shana, ghalkemm jghid illi fil-vann hemm il-fannijiet. Daniel Micallef, ix-xufier qal illi innota illi c-cestuni kienu mqeghdin il-barra mill platform izda li c-cestuni jkunu fuq xulxin. Mario Gauci jghid illi *ma kienux poggew ic-cestuni sew hdejn xulxin u b'tali mod li ringila tissaportja lill-ohra b'kosegwenza li dawn l-istess cestuni nqelbu u mad-daqqa mietu hafna aktar tigieg.* Sfortunatament ghalkemm hemm cameras fil-fabbrika dan ma giex ipprezentat ghalkemm skond l-attur kien saqsa beix jarah mill-ewwel u dan gie ikkonfermat mit-tifel u lanqas ma gew ipprezentati ritratti li juru li waqghu ic-cestuni. M'hemmx dubju li tigieg hajjin biss jistaw jintuza ghal ikel u tigieg mejta jridu jintremew izda fil-kaz odjern ma jistax jigi stabbilit il-hin li mietu t-tigieg u x'wassal biex dawn mietu. Jekk mietu bis-shana dawn waslu l-fabbrika mejtin? Jew mietu waqt illi kienu qeghdin jistennew ghal-qatla? Jekk mietu meta waqghu ic-cestuni dawn twaqqghu ghax ma kienux stivati sew jew meta icaqalqu ghal-qatla? Jidher illi ghalkemm il-bidwi jkun jaf x'kien il-piz meta jwassal it-tigieg u jkollu l-ircevuta iffirmata mis-socjeta konvenuta, m'ghandux mod li jivverifika l-hsara li s-socjeta konvenuta tghidli illi seta' kien hemm. Is-socjeta konvenuta tghid illi jista' jmur jigbor it-tigieg mejta qabel ma jintrema izda jidher illi il-bidwi ma jigix infurmat fil-hin ghax fil-kontro ezami Gauci jghid illi qallu l-ghada u sa dak il-hin it-tigieg kien gja intrema ghax jkollhom jarmu it-tigieg sas-7.00am tal-ghada.Ghalhekk fil-mankanza tal-prova dwar fil-fatt kemm kien hemm tigieg mejta u jekk dawn kienu mietu tort tal-bidwi, dan it-Tribunal ser jghaddi biex jilqa' t-talba tal-attur limitament ghal-ahhar zewg vjaggi stante li kien hemm prassi accettata bejn il-partijiet li l-konvenut jghid lil-attur hemm kien hemm tigieg mejta u jnaqasalu l-flus taghhom u dejjem kien hemm xi ammont zghir ta' hsara 22kgs,18kgs,13 kgs u 18kgs. Ghalhekk stante li ma gietx ipprezentata ebda prova li l-cestuni waqghu u konsegwentament mietu it-tigieg, il-hsara li s-socjeta konvenuta allega li kien hemm fl-ewwel tlett vjaggi fl-ammont ta' 114 kg (34+35+45) f'Dok D ser jigu ikkonsidrati bhala l-hsara fuq il-hames vjaggi, ghalhekk is-socjeta konvenuta ghandha thallas lil-attur ta' 335kg tal-ahhar zewg vjaggi (240+95 kg) li bil-valur ta' 1.50 kull kilo, jammonta ghal €502.50.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attur limitament ghal ammont ta' €502.50 u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess attur is-somma ta' hames mija u zewg euro u hamsin centezmu (€502.50), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mid-29 ta' Mejju 2023[1] sad-data tal-hlas effettiv u

[1]Data tal-kawza odjerna

finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**